**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 173/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Oswald Caruana**

Illum, 26 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Oswald Caruana, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 371580M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-18 ta' Diċembru 2020, għall-ħabta tal-17:00hrs, ġo La Sfoglia, 67/68, Merchants Street Valletta, naqas li jobdi direzzjonijiet (*Standards for operations on the principles of social distancing, enhanced hygienic practices and minimised infection risks in Malta's Tourism Infrastructure*) maħruġa mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika, fl-24 ta' Awwissu 2020, applikabbli għal istabbiliment hawn fuq indikat, meħtieġ għall-kontroll tal-mard taħt Kapitolu 465 – Liġijiet ta' Malta, liema direzzjonijiet ġew maħruġa biex jikkombattu l-Covid-19.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Mejju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-*Istandards for operation on the principles*

*of social distancing, enhanced hygienic practices and minimised infection risks in Malta's Tourism Infrastructure* maħruġa mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika fl-24 ta' Awwissu 2020, applikabbli għall-istabbiliment hawn fuq indikat, meħtieġ għall-kontroll tal-mard taħt Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta, liema direzzjonijiet ġew maħruġa biex jikkombattu l-Covid-19, sabet lill-imputat Oswald Caruana ħati tal-akkuża kif dedotta kontrih u kkundannatu multa ta' ħames mitt ewro (€500).

Rat ir-rikors tal-appellant, Oswald Caruana, ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2021, fejn talab lil din l-Qorti tilqa' dan l-appell billi tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati u mmultatu ħames mitt euro u konsegwentament tilliberah minn kull ħtija u piena; jew alternattivament tirriformaha billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet l-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tvarja s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jivventila ħames aggravji fl-appell minnu ntentat, senjatament:

i) Li l-"*Istandard for operations and principles of social distancing, enhanced hygienic practices and minimised infection risks in Malta's tourism infrastructure*" ma jikkostitwux liġi;
ii) Li d-data tar-reat ma ġietx ppruvata;
iii) Jikkontesta id-definizzjoni ta' min għandu jitqies bħala "*responsible person*" għal fini ta' reita';

iv) Li r-ritratti li ttieħdu m'għandhomx data u ħin stampati fuqhom u għalhekk ma għandhom ebda valur probatorju; u

v) Jikkontesta l-prova li saret marbuta mad-distanza li allegatament ma ġietx osservata bejn l-imwejjed u dan għaliex ma saritx il-prova dwar l-ikkalibrar tal-apparat li jkejjel id-distanza.

**Ikkunsidrat:**

<u>**L-Ewwel Aggravju**</u> **- L-"*Istandard for operations and principles of social distancing, enhanced hygienic practices and minimised infection risks in Malta's tourism infrastructure*" ma jikkostitwux liġi** sabiex b'hekk għandu japplika l-prinċipju ġuridiku ta' "*nulle crimen sine lege*".

Illi l-appellant huwa mixli li naqas li jobdi direzzjonijiet (S*tandards for operations and principles of social distancing, enhanced hygienic practices and minimised infection risks in Malta's tourism infrastructure*) maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, fl-24 t'Awwissu 2020, applikabbli għal istabbilimenti, meħtieġa għall-kontroll tal-mard taħt il-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta, liema direzzjonijiet ġew maħruġa biex jikkumbattu l-firxa tal-pandemija tal-virus Sars-CoV-2 u jibdew fil-parti introduttorja tagħhom billi jistipulaw illi:–

> ***"The following standards are issued under the Public Health Act Chapter 465 of the Laws of Malta and the Malta Travel and Tourism Services Act Chapter 409 of the Laws of Malta and require strict adherence".***

B'żieda ma' dan il-preambolu dawn 'l hekk imsejjha *standards* jiddisponu illi ***"The Superintendent of Public Health hereby <u>orders</u> that all Registered Catering Establishments shall implement the standards listed in the appended Checklist",*** b'waħda mir-rekwiziti elenkati f'dan ic-*Checklist* huwa propju id-distanza li trid tinżamm bejn l-imwejjed f'stabbiliment tal-*catering* bħal dak mertu ta' din il-kawża flimkien ma' rekwiżiti oħra li l-appellant huwa mixli li naqas milli josserva.

Illi l-Artikolu 4(c) tal-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti is-setgħa li-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika li "*... joħroġ standards għas-saħħa pubblika...*". Illi l-Liġi, imbagħad tidħol biex b'mod speċifiku tagħti setgħat iktar wiesgħa lis-

Suprintendent meta jkun hemm il-firxa ta' xi mard infettiv fil-pajjiż bl-Artikolu 27 ta' l-istess Att jagħti poteri oħra lis-Suprintendent tas-Saħħa, fosthom li jordna diversi miżuri sabiex jissalvagwardjaw kontra jew jikkontollaw epidemiji perikoluzi jew mard infettiv, bħalma hija l-virus tas-Sars-Cov-2, tant illi fl-artikolu 34 imbagħad hemm stipulat illi "***Is-Suprintendent jista' jagħti ordnijiet li jkun iqis meħtieġa jew adatti għall-kontroll ta' xi marda li tfaqqa <u>u min ma jħarisx l-ordnijiet mogħtija ikun ħati ta' reat taħt dan l-artikolu</u>***[1]". Ġaladarba l-i*standards* hawn fuq indikati għandhom jiġu implementati b'ordni tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u dan bis-saħħa tas-setgħat lilu mogħtija fil-Kapitolu 465 kif hawn fuq imfisser, kwalunkwe ksur ta' dawn l-i*standards* iwassal ukoll għal ksur ta' ordni maħruġa bis-saħħa tal-imsemmi Att dwar is-Saħħa Pubblika u id-disposizzjonijiet hemmhekk infraskritti, liema ksur jikkostitwixxi reat fit-termini ta'l-artikolu 34 hawn fuq iċċitat.

Illi, *in oltre*, l-istess Kapitolu 465, fl-Artikolu 6 tiegħu, jagħti poteri investigattivi u ta' infurżar lis-Suprintendent tas-Saħħa u lill-uffiċjali awtorizzati[2] minnu, li għall-finijiet ta' l-istess Att, huma awtorizzati jidħlu u jispezzjonaw kwalunkwe fond[3] bil-għan illi jaraw li jkun hemm aderenza ma' dawn l-ordnijiet u direzzjonijiet.

Isegwi għalhekk illi, mogħti diversi poteri bil-Liġi sabiex irażżan il-firxa ta' mard infettiv bħal kif filfatt ġara bl-imxija tal-pandemija tal-Covid-19, marda li ħakmet lid-dinja u li għada tgħolli rasha sal-lum, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' joħroġ ordnijiet li għandhom jiġu skrupolożament osservati, bil-ksur ta' tali ordnijiet jikkostitwixxi reat ai fini tal-artikolu 34 tal-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta, prosegwibbli fit-termini ta'l-artikolu 38. Dan għaliex l-Istat għandu l-poter u l-obbligu illi jintroduċi miżuri għas-salvagwardja tas-saħħa pubblika sabiex jipprevjeni jew jillimita t-tixrid ta' epidemiji, miżuri li għandhom jiġu osservati, b'dan illi kull min jażżarda jinjora jew igħawweġ l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri għandu jiffaċċja is-sanzjoni tal-Liġi.

---

[1] Sottolinjar tal-Qorti

[2] "uffiċjal awtorizzat" tfisser kull persuna kkwalifikata kif imiss li tkun awtorizzata mis-Suprintendent biex taqdi funzjonijiet taħt dan il-Att u tinkludi kull uffiċjal nominat.

[3] "fond" tinkludi (a) art; u (b) bini jew parti minn xi bini; u (c) struttura jew parti minn xi struttura; u (d) kamp, posta jew struttura temporanja oħra.

Għal dawn il-motivi l-ewwel aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment u qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

**<u>It-Tieni Aggravju</u> - Id-data tal-allegat kummissjoni tar-reat mhux ppruvata**

Illi, fit-tieni aggravju, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-fatt li d-data meta allegatament ġie kommess ir-reat ma ġiex ippruvat sal-grad rikjest mill-Liġi. L-appellant jressaq dan l-ilment unikament għaliex l-uffiċjal li mexxa l-ispezzjoni fix-xiehda tiegħu jindika illi l-ispezzjoni saret fil-ġurnata tas-Sibt u dan meta għandu jirriżulta illi l-ġurnata tat-18 ta' Diċembru 2020 kienet il-Ġimgħa u mhux is-Sibt, sabiex b'hekk fil-fehma tieghu hemm dubbju dwar l-verosimiljanza ta' din ix-xiehda.

Illi dan l-aggravju jirrażenta il-fieragħ u dan għaliex minn eżami ta'l-atti probatorji jemerġi b'mod inkonfutabbli u dan tramite' ix-xhieda tal-istess uffiċjali li kkonduċew l-ispezzjoni u ċioe' Silvio Grixti u Imran Shaikh illi huma aċċedew fl-sitabbiliment La Sfoglia nhar it-18 ta' Diċembru 2020 fil-ħamsa ta' filgħaxija, liema data u ħin huma identiċi għal dawk indikati fir-rapport imħejji minn dawn l-uffiċjali u ppreżentat fl-atti. Din id-data tikkombaċja perfettament ma' dik indikata fiċ-ċitazzjoni maħruġa fil-konfront tal-appellant. Illi allura għalkemm hemm indikat erronjament fir-rapport tal-uffiċjali tas-Sanita' illi kienet il-ġurnata tas-Sibt, kif jixhed ukoll l-uffiċjal Silvio Grixti, madanakollu ma hemm ebda diskrepanza li twassal għal xi dubbju illi l-ispezzjoni saret fid-data tat-18 ta' Diċembru 2020 kif indikat *del resto* fiċ-ċitazzjoni. Fuq kollox kif diversi drabi ribadit fil-ġurisprudenza ċ-ċitazzjoni hija sempliċi sejħa għal dehra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati intiża unikament "***ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall- imputazzjoni dedotta.***" Illi allura huwa indubitat illi l-appellant kien jaf ben tajjeb in-natura tal-akkuża lilu addebitata li kienet titratta n-nuqqas ta' osservanza tal-i*standards* imposti mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika marbuta mal-firxa tal-pandemija u li jidher li ma kenux qed jigu osservati fil-jum li saret l-ispezzjoni mill-uffiċjali tas-Sanita', liema spezzjoni seħħet fil-jum tat-18 ta' Diċembru 2020, hekk kif

indikat fiċ-ċitazzjoni. Għalhekk lanqas dan l-aggravju mressaq mill-appellant ma jistħoqqlu akkoljiment u qed jiġi miċħud

**Ikkunsidrat:**

**<u>It-Tielet Aggravju</u> - Id-definizzjoni ta' "*responsible person*"**

Illi, fit-tielet aggravju minnu ntentat, l-appellant jilmenta minn zewġ affarijiet – primarjament li l-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta imkien ma jiddefinixxi min għandu jitqies bħala "*responsible person*" u ukoll li d-dokumenti li juru min hu il-"*licence holder*" tal-istabbiliment in kwistjoni li ġew ippreżentati mhumiex ikkonfermati bil-ġurament minn rappreżentant tal-Awtorita' għat-Turizmu u għalhekk ma għandhom ebda valur probatorju u għandhom jiġu skartati.

Illi d-definizzjoni tat-terminu "*sid*" hekk kif imfassal fil-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta tinkludi l-aġent tas-sid jew *trustee*, jew persuna li tirċievi, jew ikollha jedd li tirċievi, kirjiet taħt xi kirja tal-fond, jew okkupant jew persuna inkarigata minn xi fond jew li tkun qegħda tiġġestih. Mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda taz-zewġ *Senior Environmental Health Officers* li kkonduċew l-ispezzjoni in kwistjoni, jirriżulta ampjament li l-appellant identifika ruħu ma' l-istess bħala l-persuna responsabbli għall-istabbiliment u li effettivament kien qed imexxieh. Tant hu hekk illi huwa ammetta li żbalja mal-imsemmija uffiċjali u saħansitra qalilhom li ma kellu ebda intenzjoni jaderixxi ruħu mal-mizuri "*għax inkella jkollu jagħlaq u li mpossibbli jzomm id-distanza stipulata fost affarijiet oħra*". Issa huwa minnu li d-dokument ppreżentat mill-Prosekuzzjoni li jindika min huma l-*licence holder/s* tal-istabbiliment inħareġ mill-*Malta Tourism Authority* li la huma awtentikati u wisq anqas huma ikkonfermati bil-ġurament minn rapprezentant tal-istess Awtorita', madanakollu il-Qorti tqis illi l-prova dwar r-responsabbilta' tal-appellant għat-tmexxija tal-istabbiliment La Sfoglia tirriżulta ippruvata mill-verzjoni tal-fatti mogħtija mis-*Senior Environmental Health Officers* li jikkonfermaw illi meta spezzjonaw il-fond huma kellmu lill-appellant li kien il-persuna li f'dak il-ħin kien qed jiġġestixxi l-istabbiliment. Dan magħdud allura ġaladarba l-appellant, fil-ħin tal-ispezzjoni in kwistjoni, kien qed jiġġestixxi l-

istabbiliment *de quo* u hu stess identifika ruħu bħala l-persuna responsabbli għall-istess, din il-Qorti hija moralment konvinta li huwa kien filfatt "*the responsible person*" inkarigat bil-ġestjoni tal-fond.

Għalhekk lanqas dan l-aggravju mressaq mill-appellant ma jistħoqqlu akkoljiment u qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Ir-Raba' Aggravju</u> - Ir-ritratti li ttieħdu m'għandhomx data u ħin stampati fuqhom**

Illi l-appellant jikkontendi li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li r-ritratti meħuda juru l-fond innifsu u ittieħdu fid-data u l-ħin indikati fl-akkuża u għalhekk qed jisħaq li l-istess m'għandomx valur probatorju.

Illi, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-appellant u dana għaliex kemm Silvio Grixti kif ukoll Imran Shaikh, ikkonfermaw bil-ġurament tagħhom li dawn ir-ritratti ħaduhom huma stess ġewwa l-istabbiliment bl-isem "*La Sfoglia*" dakinhar tal-ispezzjoni, u ċioe nhar it-18 ta' Diċembru 2020 fil-ħamsa ta' filgħaxija. Għalhekk, ġaladarba din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti qabilha tqis illi ix-xiehda ta' dawn iż-żewġ uffiċjali għandha mis-sewwa u hija kredibbli, b'dan illi l-appellant ma irnexxielux sal-grad tal-probabbli ixxejjen din ix-xiehda, kwindi lanqas dan l-aggravju mressaq mill-appellant ma jistħoqqlu akkoljiment u qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Il-Ħames Aggravju</u> - Kontestazzjoni dwar l-ikkalibrar tal-apparat użat biex ikejjel id-distanza bejn l-imwejjed.**

Illi, l-appellant jilmenta ukoll illi l-Ewwel Qorti qatt ma seta' jkollha ċ-ċertezza morali li l-apparat li ntuża sabiex jkejjel id-distanza bejn mejda u oħra, kien ġie sewwa ikkalibrat u allura kien qed jopera tajjeb. L-appellant jisħaq ukoll li meta l-Ispettur tas-

Saħħa kien mistoqsi mid-difiza fuq il-proċess tal-ikkalibrar, huwa ma kienx jaf iwieġeb għall-istess.

Illi, fuq dan l-aħħar argument difenzjonali il-Qorti tosserva illi għalkemm eżaminat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda li jinsabu fl-Atti Proċesswali, minn imkien ma rrizultalha li xi wieħed jew l-ieħor mill-Ispetturi tas-Saħħa ġew mistoqsija fuq l-ikkalibrar tal-apparat li użaw, u għaldaqstant l-osservazzjoni li saret mill-appellant fir-rigward ċertament ma ssibx konfort fl-atti proċesswali sabiex b'hekk ma jidhirx illi d-difiża ikkontestat il-kejl tad-distanza li kien ittieħed.

Illi, *in oltre*, ma hemm ebda prova in atti illi l-apparat adoperat seta' kien difettuż jew impreċiż. Illi sakemm ma tirriżultax prova kuntrarja huwa mistenni u allura preżunt illi kull uffiċjal pubbliku ikollu il-meżżi kollha meħtieġa għad-disposizzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jagħmel ix-xogħol tiegħu, u allura li l-apparat mogħti lilu biex jaqdi dmirijietu jkun funzjonabbli sakemm ma jirriżultax xi dubbju fir-rigward. Illi mix-xiehda tal-uffiċjali jirriżulta illi d-distanza mkejla bejn l-imwejjed ġewwa l-istabbiliment in kwistjoni ma kinitx konformi mal-i*Standards* maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa. Dan huwa fatt li kkonfermaw bil-ġurament tagħhom l-istess zewġ uffiċjali li kkonduċew l-ispezzjoni. Ukoll, ma jridx jintesa' l-fatt li, hekk kif xehdu Silvio Grixti u Imran Shaikh, l-appellant ammetta magħhom li żbalja u sostna li ma kienx ser jaderixxi ruħu mal-mizuri stabbiliti għax inkella, jekk jagħmel hekk, "*kien izarma u jagħlaq*". Illi b'żieda ma' dan il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-uffiċjali irriskontraw nuqqasijiet ohra f'dana l-istabbiliment u mhux biss dik marbuta mad-distanza li kellha tinżamm bejn l-imwejjed, sabiex b'hekk anke jekk dan l-aħħar nuqqas ma jirriżultax ippruvat xortawaħda hemm nuqqasijiet oħra li l-appellant ma jikkontestax fosthom in-nuqqas ta' żamma ta' dettalji tal-klijenti ai fini ta' *contact tracing*. Dan juri biċ-ċar li l-appellant ma kienx konformi mal-miżuri tas-saħħa imposti fuq l-istabbilimenti tal-*catering* sabiex b'hekk ir-reita' xortawaħda tissussisti.

Għalhekk lanqas dan l-aggravju mressaq mill-appellant ma jistħoqqlu akkoljiment u qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, finalment għalkemm l-appellant ma ressaqx aggravju formali marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, madanakollu fit-talba kontenuta fir-rikors ta'l-appell huwa jitlob varjazzjoni fil-piena subordinatament għat-talbiet fil-mertu.

Illi, din il-Qorti kellha l-opportunita' tirribadixxi diversi drabi illi fin-nuqqas illi l-appellant jindika l-mottiv li fuqu tistrieħ it-talba tiegħu għal varjazzjoni fil-piena inflitta, ma tarax illi għandha għalfejn toqgħod tfittex dak il-mottiv hija stess. F'dan il-kaz, il-piena erogata mil-Ewwel Qorti taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi, u kwindi fin-nuqqas li l-appellant jindika lil din il-Qorti xi raġuni li tista' twassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni ezerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tagħha tal-piena inflitta, ma tarax illi għandha toqghod tfittex dik ir-raġuni hija stess, iktar u iktar fin-nuqqas ta' aggravju formali fir-rigward. Illi tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern konsistenti fi ksur serju b'nuqqas ta' adeżjoni ma' miżuri meħtieġa sabiex irażżnu l-imxija ta' pandemija li globalment qed tkompli tirreżisti kwalunkwe tip ta' azzjoni preventiva, ma teżisti ebda raġuni li tista' twassal lil Qorti tiddisturba l-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

**Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**